MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2005

Numru. 977/2004

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**versus**

**Mario Vella**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni maghmula kontra Mario Vella ta' 32 sena iben Emanuel u Concetta nee Vella, mwieled Attard fit-30 ta' Mejju, 1972 u residenti 'Salina Flats', No. 4, Triq il-Qawra, Qawra, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 240572 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gzejjer bhala propjetarju u amministratur tal-fond, numru 1, Triq it-Tgham, Mellieha, fit-23 ta' Mejju, 2003 u jew fix-xhur ta' qabel b'diversi

azzjonijiet maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda kkommetta serq ta' kwantita` ta' ilma ghad-dannu tal-korporazzjoni tas-servizzi ta' l-ilma, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, hin, izda mhux bl-ammont minhabba l-bidla li ntalbet li ssir fl-imputazzjoni mill-Prosekuzzjoni stess u li tnizzlet ghal ghaxar liri Maltin (Lm10) illum, 26 ta' Mejju, 2005.

Rat li l-imputat ammetta din l-imputazzjoni mill-ewwel u jirrizulta li l-haddiema tieghu kienu bdew jahdmu u mbaghad hu assuma responsabbilita` ghal dak kollu li sar dwar is-serq ta' l-ilma.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18 u 264 tal-Kap 9 ssib lill-imputat ħati izda stante l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fatt li hallas kollox u l-fedina penali tieghu, flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mill-lum.  Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap. 446 fi kliem semplici lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------